TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 908

KAZ NRU. 1138

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmelo Farrugia

u

General Soft Drinks Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 15 ta' Dicembru 1997

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 13 ta' Mejju 1997 b'referenza MHS/TI/33/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 9 seduti.

Carmelo Farrugia, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mis-Sur Gejtu Mercieca, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers Union, u ghall-Kumpanija dehru l-Avukat Andrew Borg-Cardona u s-Sur Alfred Mallia Milanes.

Fl-ittra lill-Ministru l-appellant sostna li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u talab rimedju xieraq.

L-appellant gie nfurmat mill-Kumpanija b'ittra datata 25 ta' Marzu 1997 li l-impieg tieghu kien qed jigi terminat minn dak in-nhar stess "u dan peress illi l-bierah inti nqbadt tisraq mill-Kumpanija". Fl-Istqarrija tal-Kaz l-Kumpanija sostniet li l-appellant gie licenzjat wara li l-Pulizija sabu "gerry can" ta' "concentrate", prodott tal-Kumpanija, fil-karozza tieghu.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant jghid li gie ngustament imkecci mill-impieg "fuq allegazzjoni ta' serq ta' ftit minerali Coca-Cola, li kien ser jintrema u li gie migbur fi flixkun zghir tal-plastik".

Mix-xhieda tal-Pulizija jirrezulta li nstab fil-karozza ta' l-appellant flixkun li jesa' hames litri li kien fih bejn erba' u hames litri ta' likwidu kannella. Meta mistoqsi x'kien hemm fil-flixkun l-appellant qal li kien Coca-Cola (Coke) li fadal zejjed minn fejn jimlew u li dan kien ser jintrema.

Fis-sottomissjonijiet finali Il-General Workers Union f'isem l-appellant sostniet :

a) li l-Kumpanija kienet akkuzat l-appellant b'serq ta' "concentrate" waqt li l-General Manager qal fix-xhieda tieghu li l-likwidu kien "finished product" li jnaqqas hafna l-gravita tal-kaz ;

b) li l-likwidu li ha l-appellant huwa fdal tal-process ta' tahlit li jhalli kwantita zejda li tintrema fid-drain ;

c) li ma kienx hemm struzzjonijiet mill-management x'ghandu jsir mill-likwidu li jibqa zejjed ;

d) li ma gewx ezawriti il-proceduri ta' dixxiplina kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv ;

e) li l-penali massima ta' tkeccija kienet ingusta fil-kuntest ta' tehid ta' ftit "finished product" li kien ser jintrema.

Il-Kumpanija fis-sottomissjonijiet finali sostniet li kien hemm gustifikazzjoni ghat-tkeccija ghaliex :

a) l-appellant inqabad mill-Pulizija, barra l-"premises" tal-Kumpanija, b'sustanza propjeta' tal-Kumpanija fil-pussess tieghu minghajr awtorizazzjoni ;

b) il-materjal li hareg l-appellant ma kienx "throwaway item"

c) l-appellant kiser ordni stretta, ragonevoli u maghrufa li hadd ma jista' johrog kwalunkwe propjeta tal-Kumpanija barra mill-"premises" minghajr awtorizazzjoni ;

d) din l-ordni hija mehtiega ghaliex il-Kumpanija trid bil-fors izzomm kontroll strett fuq il-kwalita tal-prodott kif ukoll fuq il-materja prima li jintuza biex isir dan. L-uzu mhux awtorizzat tal-prodott jew ta' materja prima, anke biss is-suspett li dan qed isir, jista' jaghmel hsara kbira lill-Kumpanija li trid topera f'suq kompetittiv hafna. Jista' wkoll itellifha l-krettu mal-Kumpanija Internazzjonali li tillicenzjha biex tahdem il-prodott taghha.

e) l-Kumpanija agixxiet fit-termini tal-Ftehim Kollettiv fuq fatti pruvati w wara li l-appellant inghata smiegh xieraq.

It-Tribunal wara li qies x-xhieda, d-dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet sab li :

1) gie ppruvat li l-appellant hareg mill-"premises" tal-Kumpanija materjal propjeta tal-Kumpanija ;

2) l-appellant jammetti li ha materjal izda jsostni li dan kien tahlita tà Coca Cola li tintuza fil-process ta' tlahlih ta' l-impjant tal-mili u li eventwalment jintrema fid-drain ;

3) Article 22 taht il-Kap "THEFT AND OTHER CRIMINAL OFFENCES" jistabbilixxi li "No employee shall take out of the Company any goods or materials, not belonging to the employee unless authorised in writing by the Management of the Company to do so".

4) Section 5. ta' Article 22 jistabbilixxi li :

"5. Apart from the offences referred to under other sections, there may be other offences which may warrant a summary dismissal such as :

. sleeping

. stealing

. ------ " u ohrajn.

5) Il-"Collins English Dictionary" jati din id-definizzjoni ghal kelma "steal" :

"to take (something) from (someone, etc.) without permission or unlawfully, especially in a secret manner".

L-appellant hareg materjal mill-Kumpanija li ma kienx tieghu bil-mohbi u minghajr ma kellu awtorizazzjoni. Kien jaf li ma jistghax jaghmel dan jekk ma jkollux awtorizazzjoni bil-miktub.

Il-Ftehim Kollettiv jati d-dritt lill-Kumpanija li f'kazijiet bhal dan tista tkecci mpjegat ghaliex hu wiehed minn nuqqasijiet li jikkwalifikaw ghal "summary dismissal". F'dan il-kaz il-Kumpanija ma ghamlitx akkuza kontra l-appellant izda dan inqabad mill-Pulizija fil-pussess ta materjal tal-Kumpanija w ammetta dan il-fatt. Il-Kumpanija agixxiet meta giet infurmata dwar dan mill-Pulizija.

Il-Kumpanija semghet l-ispjega ta' l-appellant u ma accettathiex. Iddecidiet li tkeccieh.

Saret is-sottomissjoni li l-piena ta' tkeccija kienet harxa wisq. Izda hi l-Kumpanija li trid tiddeciedi fuq l-mod kif l-ahjar tipprotegi l-interessi taghha sa kemm dan ikun gust u konformi mal-Ftehim Kollettiv. Jekk kellha dritt specifiku u nkondizzjonat u deherilha li kellha tezercitah ma jistghax it-Tribunal jiddikjara li ghamlet hazin ghal xi raguni bhal valur, kwalita, kwantita etc. It-Tribunal f'diversi kazi ddecieda li t-tehid minn impjegat ta' propjeta tal-kumpanija li kienet thaddmu, specjalment fejn kien hemm regoli stretti biex dan ma jsirx, kien jikkostitwixxi raguni valida ghal tkeccija anke fejn il-valur ma kienx tant kbir.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

It-Tribunal jidirlhu li ghandu jinnota li mid-dokumenti prezentati u mix-xhieda jirrizulta li :

a) fit-13 ta' April 1997, ftit granet biss wara t-tkeccija, l-Avukat George Abela kiteb lill-Kumpanija biex tikkunsidra li ddahlu lura taht xi kundizzjonijiet ;

b) s-Sur Alphonse Meli xehed li l-General Manager kien tah indikazzjoni li, kieku Guzeppi Farrugia (haddiem iehor tal-Kumpanija) ma jkomplix jinsisti li jmur l-Qorti forsi kienu jinnegozjaw mal-GWU fuq il-kaz ta' l-appellant.

Billi l-appellant kien ilu mal-Kumpanija ghal aktar minn 19 il-sena t-Tribunal jistieden lill-Kumpanija terga tikkunsidra l-possibilta' ta' xi arrangament.

Din l-istedina b'ebda mod ma ghandha titqies li tvarja id-decizjoni tat-Tribunal jew li tpoggi xi obbligu fuq il-Kumpanija.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin) kull wiehed.

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU